Australian Government

COVID-19 VACCINATION

# Effetti fuq żmien twil tal-COVID-19

27 ta’ Ġunju 2022

Il-biċċa l-kbira tal-persuni li jimbokkaw il-COVID-19 ser ikollhom sintomi għal żmien qasir u mbagħad ser jirkupraw fi żmien ftit ġimgħat. Iż-żmien li jieħdu biex jirkupraw mill-COVID-19 ivarja minn persuna għal oħra. Dan jiddependi minn kemm kont marid bil-COVIV-19. Jista' jiddependi wkoll minn jekk għandekx xi kundizzjonijiet eżistenti oħra tas-saħħa.

Hemm xi persuni li jesperjenzaw problemi tas-saħħa għal żmien twil wara li jimbokkaw il-COVID-19. Xi kultant il-COVID-19 tikkawża li persuna tħossha ma tiflaħx għal ħafna xhur wara l-marda tal-bidu. Dan jgħidulu ‘COVID twil’. Il-COVID twil jista' jdum għal ħafna ġimgħat u xhur, anki wara li persuna m’għandhiex aktar il-vajrus.

Il-COVID twil hu aktar probabbli f’persuni li kellhom il-COVID-19 sever. Madankollu, anki persuni li mbokkaw infezzjoni moderata tal-COVID-19 u ma kellhomx bżonn imorru l-isptar xorta waħda jistgħu jiżviluppaw COVID twil.

## Sintomi ta’ COVID twil

Il-COVID twil jista’ jikkawża firxa wiesgħa ta’ sintomi u jistgħu ma jaffettwawx li kulħadd bl-istess mod. Is-sintomi jistgħu jkomplu wara l-infezzjoni jew jistgħu jirritornaw wara li l-persuna tkun irkuprat mill-COVID-19.

L-aktar sintomi u kundizzjonijiet komuni rrappurtati jinkludu:

- għejja
- isibuha bi tqila biex jieħdu n-nifs
- sogħla persistenti
- uġigħ fis-sider
- uġigħ fil-ġogi
- m’għandhomx biżżejjed enerġija biex jeżerċitaw
- deni
- uġigħ ta’ ras
- problemi tal-memorja u jsibuha bi tqila biex jaħsbu ċar (‘ċpar tal-moħħ’)
- dipressjoni jew ansjetà.

## Prevenzjoni ta’ COVID twil

L-aħjar mod biex tipprevjeni COVID-19 twil hu billi tipproteġi lilek innifsek milli tkun infettat bil-vajrus COVID-19.

Il-vaċċinazzjoni hi l-aħjar mod kif tnaqqas ir-riskji tal-COVID-19.

Ir-riċerka tissuġġerixxi li persuni li huma vvaċċinati kontra l-COVID-19, huma inqas probabbli li jirrapportaw sintomi ta’ COVID twil minn persuni li mhumiex ivvaċċinati.

## Għal aktar tagħrif

Jekk ġejt ittestjat pożittiv għal COVID-19 aktar minn ftit ġimgħat ilu, u xorta waħda għadek tħossok ma tiflaħx, kellem lit-tabib tiegħek.

Għal aktar tagħrif żur health.gov.au/covid19-vaccines-languages, jew ċempel il-Linja Nazzjonali tal-Għajnuna tal-Coronavirus fuq 1800 020 080. Agħżel għażla 8 għas-servizz tal-interpretar bla ħlas.